MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 406/1993/1

**Michael Scerri u Doreen Scerri f'isimhom propju u ghan-nom ta' DM Trading Agency**

***Vs***

**Philip Petroni u Josette Petroni bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza ta' Philip Petroni & Sons Limited**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi *proprio et nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-attur *nomine* biegh u kkonsenja lis-socjeta` konvenuta merkanzija konsistenti f'*household goods* u *appliances*;

Premess illi l-bilanc dovut ghal din il-merkanzija jammonta ghal elfejn erba’ mija u hmistax-il lira Maltija u sbatax-il centezmu (Lm2,415.17) skond prospett anness ma’ l-att tac-citazzjoni (Dok A);

Premess illi, avolja interpellata biex thallas, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti;

Premess illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut u l-attur *nomine* qieghed jipprezenta ma’ din ic-citazzjoni affidavit guramentat skond Artikolu 167 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta (Dok B);

Talbu ghalhekk l-atturi *proprio et nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tikkundanna lil konvenut *nomine* ihallas is-somma ta’ elfejn, erba’ mija u hmistax-il lira Maltija u sbatax-il centezmu (Lm2415.17);

2. Tiddeciedi l-kawza skond it-talba bid-dispensa tat-trattazzjoni;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra tat-3 ta’ Marzu 1992 u tal-mandati ta qbid u ta’ sekwestru prezentati kontestwalment ma’ din ic-citazzjoni u bl-interessi legali mid-data tal-konsenja kontra l-konvenuti *nomine*;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess atturi *proprio et nomine* u l-lista tax-xhieda minnhom indikati flimkien ma’ l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat id-digriet tal-5 ta’ April 1993 li permezz tieghu l-konvenuti *nomine* gew awtorizzati jipprezentaw in-nota ta’ l-eccezzjonijiet taghhom;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti *nomine* illi permezz taghha huma eccipew:-

1. Illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt, u ghandha tigi michuda fl-interita` taghha minn din l-Onorabbli Qorti bl-ispejjez kollha kontra l-atturi *proprio et nomine* u dana stante illi kif inhu evidenti mill-Prospetti annessi man-nota u mmarkati rispettivament bhala li huma Dokumenti “D” u “E”, u kif jigi wkoll ippruvat ahjar fil-waqt tat-trattazzjoni tal-kawza, mill-kont kurrenti illi kien jezisti bejn il-kontendenti jirrizulta illi ghall-kuntrarju huma l-atturi *proprio et nomine* illi huma debituri lejn l-eccipjenti *nomine* u dana fis-somma ta’ elf mitejn sebgha u ghoxrin liri Maltin u tlieta u disghin (Lm1227.93,0);

2. Salvi eccezzjonijiet ohra ultererjuri u sussegwenti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenuti *nomine*, il-lista tax-xhieda minnhom indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat il-kontro-talba tal-konvenuti *nomine* illi fiha huma ppremettew:-

Illi bejn il-kontendenti kien jezisti kont kurrenti;

Illi, kif jirrizulta mill-Prospetti annessi man—Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti *nomine* pprezentata kontestwalment, liema dokumenti huma mmarkati bhala li huma Dokumenti “D” u “E” huwa evidenti illi mill-imsemmi kont kurrenti ezistenti bejn il-kontendenti hemm bilanc ta’ elf mitejn sebgha u ghoxrin liri Maltin u tlieta u disghin centezmi (Lm1227.93,0) dovut mill-atturi rikonvenzjonati *proprio et nomine* a favur tal-konvenuti rikonvenzjonanti *nomine*;

Talbu ghalhekk il-konvenuti rikonvenzjonanti *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tikkundanna lill-atturi *proprio et nomine* biex ihallsu lill-konvenuti rikonvenzjonanti *nomine* s-somma ta’ elf mitejn sebgha u ghoxrin lira Maltin u tlieta u disghin centezmu

(Lm1,227.93c,0), rapprezentanti l-bilanc minnhom dovut lill-istess konvenuti rikonvenzjonanti *nomine* mill-kont kurrenti ezistenti bejn l-istess atturi rikonvenzjonati *proprio et nomine* u l-konvenuti rikonvenzjonanti *nomine*, bl-imghaxijiet kummercjali sal-hlas effettiv;

Bl-ispejjez kontra l-atturi rikonvenzjonati *proprio et nomine*;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti rikonvenzjonanti *nomine* akkompanjanti l-kontro talba taghhom;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur rikonvenzjonat *et proprio et nomine* illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi l-kontro-talba tal-konvenuti *nomine* hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-konvenuti *nomine* billi mhux minnhu li l-atturi *proprio et nomine* ghandhom jaghtu xi ammont lill-kumpanija konvenuta. Dan jirrizulta wkoll mix-xhieda bil-gurament minn Philip Petroni stess quddiem din l-Onorabbli Qorti fis-seduta tal-5 ta' April 1993;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-istess attur rikonvenzjonat *et proprio et nomine* u l-lista tax-xhieda indikati;

Rat id-digriet tad-9 ta' Novembru 1993 li permezz tieghu gie nominat bhala perit komputista John Bonnici biex jiehu konjizzjoni tal-konteggi rizultanti mill-process u jisma' l-provi relattivi u jirrelata dwar it-talba u l-kontro-talba;

Rat ir-relazzjoni ta' l-espert komputista nominat li tinsab a fol. 88 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tas-26 ta' Gunju 1995;

Rat id-decizjoni tad-29 ta' Jannar 1996 ta' din il-Qorti diversament presjeduta li permezz taghha l-process gie rimess lill-perit komputista biex jillikwida l-ammont dovut;

Rat ir-relazzjoni addizzjonali tal-perit komputista li tinsab a fol. 109 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fis-seduta tas-7 ta' Lulju 1997;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

F'kawza ta' din ix-xorta, fejn il-partijiet jippretendu, permezz ta' talba u kontro-talba, li wiehed ghandu jaghti lill-iehor fuq in-negozju interkjuz bejniethom fuq firxa ta' snin, dak li hu l-aktar essenzjali jirrigwarda l-applikazzjoni tal-principji illi min jallega jrid jipprova. Fi kliem iehor il-prova *"incumbit ei qui dicat, non ei qui negat"*;

Materja bhal dik hawn agitata tinvolvi konteggi, ezami ta' *statements*, u provi relatati ma' xiri ta' prodotti jew "*bartering*" taghhom, rikonciljazzjoni tal-partiti in korrelazzjoni ma' hlasijiet;

Jista' jinghad ukoll illi mill-mod kif zvolgiet din il-kawza, tenut qies tar-rizultanzi taghha, hi tassew hasra li zewg kummercjanti ma kienux kapaci, bl-ghajnuna ta' l-*accountants* taghhom, jsibu tarf tal-kontabilita` ta' bejniethom u b'hekk jirrizolvu l-pendenza minghajr il-htiega li jirrikorru ghas-soluzzjoni, purament aritmetika, ghall-aditu tal-Qorti. Dan hu maggorment hekk il-kaz meta, kif jirrizulta, u minghajr l-intervent tal-perit komputista, il-kontendenti waslu bonarjament fi zmien ftit xhur mill-introduzzjoni ta' l-atti (1993) dwar qbil fuq l-ammont bilancjali effettivament dovut (skrittura 21 ta' Frar 1994 esebita a fol. 116);

L-iter ta’ din l-istanza ra l-bidu tieghu fl-affermazzjoni ta’ Philip Petroni (fol. 18) li s-socjeta` tieghu kellha taghti lid-ditta attrici bejn mitejn (Lm200) u tlett mitt lira (Lm300) anqas mis-somma reklamata ta’ elfejn erba’ mija u hmistax-il lira Maltija u sbatax-il centezmu (Lm2415.17,0). Meta fuq din l-affermazzjoni gie ammess jintavola eccezzjonijiet hu mhux biss illimita ruhu biex jopponi ruhu ghas-somma domandata talli ppretenda wkoll li s-socjeta` tieghu kienet krditrici ta’ l-atturi *proprio et nomine*. Dan ghamlu permezz ta’ kontro-talba fuq il-pretiza li s-socjeta` konvenuta kellha tiehu s-somma ta’ elf, mitejn u sebgha u ghoxirn lira Maltija u tlieta u disghin centezmu (Lm1227.93,0);

Naturalment sa hawn il-posizzjoni hekk assunta mis-socjeta` konvenuta rikonvenzjonanti ma tistax tigi kritikata. Dan anke ghaliex hija gurisprudenza kostanti illi anke fejn ikollok kwittanza bejn il-partijiet il-kont jista’ jkun soggett ghall-korrezzjoni jekk jirrizulta li kien hemm xi cifri zbaljati, xi addizzjoni jew sottrazzjoni hazina, xi ommissjoni ta’ entrati dwar partiti jew ta’ hlasijiet li jkunu saru. Ara f’dan is-sens decizjoni fl-ismijiet “**Emilia sive Amy Bartoli –vs- Avukat Dottor Edoardo Vassallo**”, Appell Civili, 19 ta’ Frar 1937;

Gja f’sentenza ohra qabel din kien intqal illi “*qualunque approvazione di conti s’intende sempre fatta senza pregiudizio di errori od ommissioni. Verificati tali errori, l’interessato puo` sempre, nonostante la quittanza, insistere per la correzione e per essere indennizzato delle partite errate od omesse*” – “**Negte. Jacob Sonaja *et nomine* –vs- Abraham Salila Hauania**”, Appell Kummercjali, 3 ta’ Mejju 1907 a Vol. XX P I p 262;

Minn hawn ‘il quddiem il-kontestazzjoni bdiet torbita dwar allegati diskrepanzi rigwardanti entrati li jinghad li kienu gja thallsu jew pacuti bis-sistema tal-*barter*, nuqqas ta’ rimessa ta’ *statements*, allegazzjoni dwar li l-konteggi esebiti in atti ma kienux kapibbli, diskussjoni dwar cekkijiet dizonorati u kwestjonijiet ohra korrelatati. Ara Affidavit ta’ Michael Scerri (fol. 34) u dawk ta’ Philip Petroni (fol. 54) u ta’ Josette Petroni (fol. 55), kif ukoll id-deposizzjoni ta’

Anthony Valvo, *accountant* tas-socjeta` konvenuta (fol. 71);

Il-perkors kompla jsegwi bit-transazzjoni raggunta bil-ftehim tat-22 ta' Gunju 1994, l-ewwel relazzjoni dwaru mill-espert tal-Qorti (fol. 88), il-pronunzjament tal-Qorti tad-29 ta' Jannar 1996 (fol. 95) li fih iddikjarat illi dan il-ftehim ma kienx ghadu vinkolanti, u t-tieni relazzjoni tal-perit komputista (fol. 109) fejn, fuq id-dijarazzjoni ta' l-atturi u dak tal-ftehim inizzjali tal-21 ta' Frar 1994 (fol. 116), ikkonkluda li s-socjeta` konvenuta kienet debitrici ta' l-atturi *proprio et nomine* fis-somma ta' elf mitejn sebgha u hamsin lira Maltija u tlieta u hamsin centezmu (Lm1257.53,0);

Issa huwa minnu dak li jinghad li t-transazzjoni ma tiswiex jekk tkun saret quddiem perit gudizzjarju, meta dan ma jkollux il-poter li jindahal fiha. Imma, bhal ma sehh ukoll f'dan il-kaz "meta dik it-transazzjoni ma tikkostitwix verbal ta' seduta, imma tkun transazzjoni vera u proprja iffirmata mill-partijiet, u l-presenza tal-perit tkun xi haga accidentali biss, b'mod li dik il-presenza tieghu ma zzid xejn fit-transazzjoni, dik it-transazzjoni tiswa' u ghandha forza vinkolanti ghall-partijiet li ffirmawha" – "**Paola Cassar –vs- Matteo Ellul**", Appell Civili, 18 ta' April 1952 a Vol. XXXVI P I p 90.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi, prevja c-cahda tal-kontro-talba tal-konvenuti *nomine*, tilqa' t-talba ta' l-atturi *proprio et nomine* u b'hekk tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-atturi f'isimhom proprju u ghan-nom ta' DM Trading Agency, l-ammont ta' elf, mitejn u sebgha u hamsin liri Maltin, tlieta u hamsin centezmu (Lm1257.53,0) bl-interessi mill-1 ta' April 1993 sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez tal-kawza principali ghandhom jigu sopportati bin-nofs bejn il-kontendenti filwaqt li dawk tal-kontro-talba jibqghu interament a karigu tal-konvenuti *nomine*.

---------------------------------TMIEM---------------------------------